# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum l-14 ta' Lulju, 2020**

Appell numru 146 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Nicole MICALLEF**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-20 ta' Mejju, 2017 fil-konfront ta' Nicole MICALLEF, karta tal-identità bin-numru 241599M li ġiet mixlija:

   > Talli nhar id-19 ta' Mejju 2017 u fix-xhur u snin ta' qabel f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnha ukoll jekk fi żminjiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;
   >
   > 1. Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droha kokajina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-

kontroll interna tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall–esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtroizzat li timmanifatura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Aktar talli fl-istess ċirkostazi forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew l tipprokura d-droga herojina, speċifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-mediċini perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellha liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kont awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll interna tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita mogħtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u mingħajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall–esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifatura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini perikolużo Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienetx fil-pussess ta'awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifatura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. Aktar talli fl-istess ċirkostanzi kellha fil-pussess tagħha d-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-mediċini

perikolużo Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienetx fil-pussess ta'awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellha liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li timmanifatura jew tforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellha liċenzja tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti tal-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, u wara li rat l-Artikoli 7 (7) u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 17, 31 u 37 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Taqsimiet 4 u 6, it-taqsima 1 tal-ewwel skeda, kif wkoll l-Artikoli 22(1)(a), (1B), 22(2)(b)(i)(ii) u 22(9) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta ssib lil Nicole MICALLEF, fuq l-ammissjoni oriġinali tagħha stess, ħatja tal-ewwel u t-tieni mputazzjonijiet kif dedotti kontra tagħha bħala ir-reati oriġinali, u tikkunadannaha għal tnax-il xahar priġunerija.

3. Illi minn din is-sentenza Nicole MICALLEF interponiet appell permezz ta' rikors datat is-27 ta' Marzu, 2019 li permezz tiegħu talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn l-appellanta instabet ħatja tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, tvarjaha in kwantu jikkonċerna l-piena inflitta u minflok tgħaddi sabiex tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta, illi tirrispekkja il-fatti tal-każ odjern. Dan wara li saħaq is-segwenti: -

**<u>Piena Eċċessiva li ma tirrispekkjax il-fatti tal-Każ</u>**

Illi għandu jiġi rilevat, illi primarjament l-appellanta ma tħallitx tressaq il-provi tagħha sabiex l-Ewwel Onorabbli Qorti illi waslet sabiex tinfliġġi piena ta' tnax–il xahar priġunerija tieħu stampa ċara ta' x'wassal sabiex l-appellanta tiġi ddenunzjata. Illi għalkemm l-appellanta, ilha ħafna tissielet sabiex tinħeles mill-vizzju tad-droga, hija kienet għaddejja minn ċirkustanzi familjari u tiffrekwenta ċrieki, illi ma ħallewhiex tagħmel dan bil-mod desiderat. Għandu jingħad illi llum l-appellanta, minn jedda ħelset minn dawn iċ-ċrieki u hija dditerminata illi tirbah il-problema illi hija għandha b'mod permanenti.

Illi għandu jiġi rilevat, illi meta l-appellanta ġiet denunzjata, hija ġiet mogħtija piena daqsli kieku meta ġie kommess ir-reat hija kienet adulta u mhux minorenni ta' sbatax il-sena. Illi fid-dawl illi l-appellanta, llum m'għadhiex fil-vizju tad-droga, u qed tiġi kkurata minn speċjalisti, sabiex din il-problema illi hi ilha ġġor għal ħġafna snin tiġi solvuta, ċertament illi piena effettiva karċerarja mhux ser isseevi sabiex l-appellanta tkompli tirregola ruħha, u dan fid-dawl ta' ġurisprudenza riċenti mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali, kif ser jiġi trattat waqt dan l-umli appell. Illi għandu jingħad, illi f'każ illis-sentenza ata' tnax –il xahar priġunerija tiġi kkonfermata, dan minnu nnifsu jkun ifisser illi l-appellanta titlef il-prospettivi ta' xogħol illi għandha.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi meta l-appellanta tressqet il-Qorti nhar l-20 ta' Mejju 2017 akkużata b'diversi akkużi relatati ma droga meta kellha sbatax-il sena. Wara li nqraw l-imputazzjonijiet kontra tagħha hi rreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontriha. Il-Qorti tal-Maġistrati semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet, fosthom illi dan kien każ ta' '*trafficking by sharing*'. Il-Qorti imponiet multa t'elf euro (€1000) għat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha komplessivament filwaqt li ordnat li l-appellanta titqiegħed taħt ordni ta' Probation għall-perijodu ta tlett snin fir-rigward tal-qbija tal-imputazzjonijiet.

5. Fis-16 ta' Awwissu 2017, l-Uffiċjal tal-Probation inkarigata mill-appellanta, Antonella Debono, intavolat denunzja fil-konfront ta' Nicole MICALLEF sabiex tagħrraf lill-Qorti dwar l-andament tagħha fejn skond l-istess irriżulta illi l-appelanta kienet naqset milli tinforma lil Debono dwar l-indirizz residenzjali tagħha illi kienet bidlet, kienet naqset li żżomm kuntatt magħha skond id-direttivi tal-ordni u ma kinitx qed tobdi d-direttivi għal dak li jirrigwarda l-abbuż tad-droga.

6. Il-Qorti tal-Maġistrati appuntat is-smiegħ ta' din id-denunzja fejn wara li semgħet lil Debono tixhed fid-19 ta' Settembru 2017. Imbagħad nhar il-21 ta' Novembru 2017, semgħet kemm lil Debono (fejn irrapurtat illi l-affarijiet kienu baqgħu l-istess minn Settembru l'hemm), kif ukoll lil Nicole Micallef illi ppurvat tispjega u tiġġustifika lill-Qorti dwar ir-raġunijiet għalfejn ma kinitx qed iżomm ma dawn id-direttivi, u saħqet ukoll illi Debono ma kinitx qed issemmi dawk id-drabi meta' hi kienet filfatt żammet kuntatt magħha qabel naqset milli tattendi l-appuntamenti li kellha ai fini tal-Ordni imposta fuqha.[1]

7. Sussegwentement, wara li l-appellanta naqset milli tattendi l-Qorti għal diversi seduti, fejn anki nħarġilha mandat t'arrest u fejn il-Prosekuzzjoni kien qed ikollhom diffikulta jintraċċawha, il-Qorti tal-Maġistrati fit-13 ta' Marzu 2018, iddeċidiet li titratta mal-ħatja billi tikkonverti l-ordni ta' *probation* għal piena karċerarja u effettiva

---

[1] Folio 42 tal-atti proċesswali et seq.

ta' tnax il-xahar u dan limitatament fir-rigward tal-ewwel żewġ imputazzjonijiet kif oriġinarjament miġjuba kontra tagħha.

*Ikkunsidrat* :-

8. Illi l-aggravju mqajjem mill-appellanta jikkonċerna limitatament il-piena mposta fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati permezz tas-sentenza ta' nhar it-13 ta' Marzu 2018 fejn hi ġiet ikkundannata tnax-il xahar piena karċerarja effettiva għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontriha. L-appellanta tisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati ma tagħthiex l-opportunita' tispjega r-raġunijiet għalfejn kien hemm dawn in-nuqqasijiet da' parti tagħha. Hija tallega li kienet imfixkla minħabba problemi familjari li kellha magħquda ma' kumpanija ħażina illi kellha f'dawk iż-żminijiet. In oltre tisħaq ukoll illi meta l-Qorti mponiet il-piena karċerarja fuqha ma ħaditx qies tal-fatt illi hi kienet għadha minorenni meta kkomettiet ir-reati. L-appellanta tisħaq li l-Qorti kellha tapplika l-artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali meta tiġi biex timponi l-piena fuqha.

9. Illi fl-ewwel lok, jirriżulta mhux minnu li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tagħti spazju lill-appellanta biex tispjega l-posizzjoni tagħha. Infatti, kif diġa ġie aċċennat aktar il-fuq jirriżulta ċar illi l-Qorti tal-Maġistrati semgħet lill-appellanta tixhed quddiemha **wara** li saret id-denunzja kontra tagħha u **wara** li kienet semgħet ukoll lil Antonella Debono tixhed darbtejn fil-konfront tagħha. Dan is-smiegħ sar fil-21 ta' Novembru 2017 fejn jidher ukoll mit-traskrizzjoni tax-xhieda riprodotta fl-atti illi l-appellanta xehdet fit-

tul u ingħatat ħafna ħin sabiex tispjega l-verżjoni tagħha. Kwindi dik l-allegazzjoni ser tiġi skartata minn din il-Qorti.

10.Illi fit-tieni lok, jirriżulta li l-Qorti tall-Maġistrati fis-sentenza tagħha tagħmel riferenza wkoll għall-artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali. Kwindi jirriżulta wkoll li meta ġiet biex teroga l-piena l-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li ħadet konjizzjoni ta' din id-disposizzjoni fl-aħħar parti tas-sentenza tagħha.

11.Il-parametri tal-piena għall-ewwel żewġ imputazzjonijiet u ċioe' għat-traffikar ta' drogi Kokajina u Herojina, hija regolata skond l-artikolu 22(2)(b)(i) u (ii) illi jgħidu hekk:

> (i) meta r-reat ikun reat taħt l-artikolu 4 jew taħt l-artikolu 8(ċ) ħlief f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti hija sodisfatta li dik il-koltivazzjoni kienet għall-użu esklussiv tal-ħati, ta jew ikun jikkonsisti fil-bejgħ jew traffikar ta' mediċina bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza jew ikun reat taħt is-subartikolu (1)(f), jew ikun reat ta' pussess ta' mediċina, bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, taħt tali ċirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tal-ħati, jew ikun reat imsemmi fis-subartikoli (1Ċ) jew (1D) jew (lE), priġunerija għal żmien mhux inqas minn sitt xhur iżda mhux iżjed minn għaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87); u
> (ii) għal kull reat ieħor, priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet xhur iżda mhux iżjed minn tnax-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa flimkien..."

12.Għalhekk tenut kont tal-fatt illi l-appellanta kienet mixlija bi traffikar tad-droga, l-piena applikabbli għaliha kienet dik li taqa taħt is-subparagrafu (i) tal-artikolu 22(2)(b) kif hawn fuq ikkwotat fejn allura l-parametri tal-piena karċerarja tibda minn minimum ta' sitt xhur u titla' sa massimu ta' għaxar snin. Dan ifisser ukoll illi

anki bi tnaqqis ta' grad taħt id-dettami tal-artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali, il-piena ta' tnax il-xahar priġunerija kif imposta mill-Qorti tal-Maġistrati kienet tinstab fil-parametri tal-liġi u qegħda qrib sew tal-minimum li jista' jingħata.

13. Issa f'dan il-każ il-Qorti tal-Maġistrati tagħmel ukoll referenza għall-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta li jaqra kif ġej:

> (9) Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba ħatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i):
> Iżda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż l-ammont u x-xorta tal-mediċina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-għadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inklużi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taħt l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-ħati kien bi ħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu:
> Iżda wkoll il-ħati jista' jikseb benefiċċju għal darba waħda biss mid-dispożizzjonijiet tal-proviso li jiġi minnufih qabel dan.[2]

14. Illi jidher fir-rigward ta' din id-disposizzjoni u b'referenza għall-atti proċesswali illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet diġa applikat ordni ta' *probation* fil-konfront tal-appellanta wara li hi nstabet ħatja fl-ewwel stadju tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u dan permezz tas-sentenza tal-20 ta' Mejju 2017, peress illi kienet tal-fehma li l-każ kien filfatt jittratta każ ta' '*trafficking by sharing*'.

[2] Emfazi ta' din il-Qorti.

15. Din il-Qorti rat il-progress li allegatament qed isir da parti tagħha skond kif irrapurtat ukoll Antonella Debono meta xehdet quddiem din il-Qorti matul is-seduta datata t-28 ta' Novembru 2019.

16. Kif intqal fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et*** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> 8. Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

17. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza ***Butler*** tqis *anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti.*

18. Din il-Qorti rat ukoll illi skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tal-Maġistrati, meta

ġiet biex tieħu deċiżjoni fuq MICALLEF fir-rigward tal-ksur tal-probation setgħet *tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati* ***li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat****.*

19. Dan ifisser li l-Qorti tal-Maġistrati kienet legalment korretta meta hija imponiet il-piena ta' priġunerija għal perjodu ta' sena in kwantu din kienet piena li kienet kemm fil-parametri legali kif ukoll kienet il-piena idoneja f'dak l-istadju tal-proċeduri. Biss li kieku kienet għadha kemm ġiet dikjarata ħatja minn din il-Qorti, x'piena setgħet tingħata lil MICALLEF fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ tagħha?

20. Din il-Qorti qieset li f'dan il-każ Nicole MICALLEF uriet progress li din il-Qorti tittama li tibqa' miexja fit-triq tal-progress u titbiegħed kemm jista' jkun mid-droga. Il-Qorti rat ukoll li l-appellanta qalet li bdiet taħdem f'ħanut bħala kaxxiera. Fi ftit kliem dil-Qorti tixtieq li l-progress li sar f'ħajjet MICALLEF ma jiġix interrott. Ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati setgħet titratta ma din il-minorenni, b'żogħżija problematika iżda fl-istess waqt inċensurata *għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja,* ***b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat*** ifisser li allura setgħet titratta magħha daqslikieku kienet għadha sejra teroga l-piena għall-ewwel darba kontra tagħha għar-reati li tagħhom instabet ħatja. Dan jidher li huwa l-ispirtu tal-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

21. Għalhekk in bażi għal dan il-prinċipju, il-Qorti tal-Maġistrati kienet f'qagħda li teroga l-piena kontra tal-imputata l-piena skont l-artikoli indikati minnha daqslikieku kienet ser tkun l-applikazzjoni tal-piena għall-ewwel darba. B'hekk f'dan il-kuntest, ir-restrizzjoni fit-tieni proviso tal-artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ma tapplikax f'dawn it-tip ta' proċeduri.

22. Din il-Qorti tqis li jkun fl-interess ta' MICALLEF u tas-soċjeta li filwaqt li MICALLEF tkun suġġetta għal piena karċerarja, fl-istess waqt din tkun taħt il-forma sospiża filwaqt li tkun ukoll b'element ta' superviżjoni professjonali biex tiġi mgħejjuna żżomm lura mill-vizzju tad-droga. Biss fil-każ li MICALLEF ma tibqax miexja fit-triq tal-progress u b'xi mod tikser l-ordni ta' din il-Qorti, il-piena li mbagħad tkun tistenniha hi biss dik tal-priġunerija effettiva.

## *DECIDE*

Għaldaqstant, għall-motivi premessi, il-Qorti tilqa' l-appell ta' Nicole MICALLEF in parti billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabtiha ħatja talli naqset milli tikkonforma ruħha mal-ordni tal-*probation*, tħassarha f'dik il-parti fejn imponiet il-piena ta' sena priġunerija fir-rigward tal-ammissjoni oriġinali tal-imsemmija MICALLEF għall-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet oriġinali u minflok tikkundannaha :-

A. għall-piena ta' **<u>tnax il-xahar priġunerija</u>** iżda wara li rat l-Artikoli 28A(1), 28B u 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali u tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' **tliet snin mill-lum** l-imputata appellata tikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ. Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħati r-responsabbilita tagħha mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li hija tikkommetti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza;

B. Inoltre, wara li rat l-Artikolu 28Ġ (1) tal-Kodiċi Kriminali qegħda b'żieda mal-piena aktar il-fuq inflitta tagħmel ordni ta' superviżjoni (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' superviżjoni") li permezz tagħha tqiegħed lill-ħatja taħt is-superviżjoni t'uffiċjal sorveljanti għal perijodu ta' tliet snin millum. Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' superviżjoni kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li tagħmel reat ieħor matul il-perjodu operattiv tas-sentenza mogħtija lilha illum nonche l-konsegwenzi li jistgħu jiġu sofferti f'każ ta' nuqqas t'adeżjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi. Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' superviżjoni bid-digrieti ta' llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufiħ lid-

Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex jassenja Uffiċjal Sorveljanti biex ikun responsabbli għas-sorveljanza tal-ħatja. L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***

# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**ORDNI TA' SUPERVIŻJONI**

*(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 28Ġ TAL-KODIĊI KRIMINALI)*

***Onor. Imħallef Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)***

**Illum: 9 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Nicole MICALLEF**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Nicole MICALLEF** detentriċi tal-karta tal-identita' numru 241599M u residenti Sant'Alessio, Block B5, Flat 20, Triq Ċensu Farrugia, l-Imsida, ġiet misjuba ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Superviżjoni l-ħatja ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' Superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28Ġ tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9).

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Superviżjoni (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taħt skont s-subartikolu (3) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446) u nnutat li l-istess ħatja wriet li trid tħares il-ħtiġiet tal-istess Ordni;

**Tordna** li **Nicole MICALLEF** detentriċi tal-karta tal-identita' numru 241599M tkun għal perjodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Supervizjoni taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul dan il-perjodu, il-ħatja ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi <u>kollha</u> tal-Uffiċjal Sorveljanti kif ukoll, jekk ikun il-każ, biex il-ħatja tieħu l-*counselling* li jista' jkun meħtieg minn żmien għal żmien sabiex tevita, fost affarijiet oħra li terġa tikkommetti reati fil-ġejjieni.
2. Li l-ħatja tibqa' f'kuntatt mal-Uffiċjal Sorveljanti skont dawk l-istruzzjonijiet li tista' minn żmien għal żmien tingħata mill-imsemmi Uffiċjal, u li tavża lill-imsemmi uffiċjal b'kull tibdil fl-indirizz tagħha;
3. Li tirċievi viżiti mill-Uffiċjal Sorveljanti ġewwa r-residenza tagħha jew f'kull post ieħor li tiffrekwenta skont id-direttivi tal-istess Uffiċjal Sorveljanti;
4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu/ha jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti mhux anqas minn darba kull sitt xhur dwar l-imġieba tal-ħatja.
5. Il-ħatja għandha toqgħod għal dawk id-direttivi jew ordnijiet kollha mogħtiha lilha mill-Uffiċjal Sorveljanti fir-rigward ta'

kwalunkwe test jew analiżi li l-istess Uffiċjal iħoss li jkunu meħtieġa, inkluż testijiet tal-urina u testijiet oħra u kif ukoll li l-appellanta għandha ssegwi u toqgħod għal dawk il-programmi u trattamenti li l-istess Uffiċjal jista' jippreskrivi lill-appellanta minn żmien għal żmien.

**TORDNA** li kopja ta' dan l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Uffiċjal Sorveljanti.

…………………………………

**Nicole MICALLEF**

……………………………………..

*Christianne Borg,* **Deputat Registratur**

***Aaron M. Bugeja,***

***Imħallef***